**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tlieta, 31 ta' Ottubru 2023**

**Talba numru 33/2020SFJ**

***MAPFRE Middlesea plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Keith Carabott abbażi tal-polza tal-assigurazzjoni u tal-liġi; u***

***Keith Carabott (179394M)***

***vs.***

***Joseph Falzon (738058M)***

**Daħla**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fid-29 ta' Jannar 2020 li permezz tiegħu l-atturi talbu li l-konvenut ikun ikkundannat iħallashom komplessivament is-somma ta' elfejn u erba' mija u wieħed u tletin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€2,431.28) għar-raġunijiet hemm indikati;

Ra d-dokumentazzjoni kollha annessa mal-Avviż tat-Talba;

Ra r-Risposta tal-konvenut ippreżentata fis-27 ta' Frar 2020 li permezz tagħha oppona t-talbiet tal-atturi;

Ra s-sentenza mogħtija fit-22 ta' Ġunju 2020 li permezz tagħha l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut ġiet miċħuda;

Sema' l-provi, ra d-dokumentazzjoni kollha, u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-31 ta' Ottubru 2023.

**Konsiderazzjonijiet**

Fi ftit kliem, il-kawża hija dwar il-kelb tal-konvenut li nhar it-28 ta' Marzu 2018, għall-ħabta tas-2:00 ta' filgħodu, ħareġ minn xatba b'ġirja lejn in-nofs tat-triq (Triq Għar Dalam f'Birżebbuġa). Inzerta li dak il-ħin,

kien għaddej Keith Carabott bil-vettura tiegħu Suzuki Swift, targata KWJ184, li ma rnexxilux jevita l-kelb, laqtu u per konsegwenza ġarrab ħsarat fil-vettura tiegħu. L-inċident seħħ matul il-lejl, u għalhekk, fid-dlam, u skont ir-rapport tal-Pulizija (*fol.* 10), kien hemm ħafna riħ.

Carabott irrapporta lill-Pulizija li huwa waqaf u pprova jċempel lid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali iżda ma kellux biżżejjed *charge* fil-*mobile* tiegħu. Huwa mar id-dar, ċempel lil ħabib tiegħu biex jerġa' jmur fuq il-post, iżda meta wasal, ra lil xi uffiċjali tar-*Rapid Intervention Unit* tal-Pulizija li laħqu għabbew il-kelb fil-vettura. Dan ġie kkonfermat minn PC868 Russell Psaila, li fix-xhieda tiegħu żied li l-kelb instab "*kważi mejjet*" u fil-fatt miet fil-vettura tal-Pulizija.

In kontro-eżami, PC868 ippreċiża li meta wasal fuq il-post, huwa sab ġuvni u tfajla jibku u kien hemm vettura, li ma kellha ebda ħsara. Madankollu, ftit aktar 'l isfel fit-triq, kien hemm ħafna *debris* ta' xi vettura li kienet ġarrbet ħsarat f'inċident.

Jirriżulta mid-depożizzjoni ta' Ivan Bugeja, impjegat fid-Direttorat imsemmi, li nhar it-28 ta' Marzu, id-29 ta' Marzu u t-30 ta' Marzu 2018, id-Direttorat ma ġiex infurmat li kien miet xi kelb li kien irreġistrat f'isem il-konvenut. Fil-fatt, id-dokument IB1, ippreżentat mix-xhud u datat 25 ta' Mejju 2021, jindika li l-konvenut kellu sitt iklieb irreġistrati f'ismu filwaqt li kelb ieħor ġie ttrasferit lil terzi nhar is-16 ta' Mejju 2019. Dan id-dokument ma jindikax liema kelb miet. Fi ftit kliem, jista' jkun il-każ li l-konvenut ma nfurmax lid-Direttorat li xi kelb irreġistrat f'ismu kien miet (u għalhekk f'għajnejn id-Direttorat il-kelb għadu jidher bħala ħaj) inkella jista' jkun il-każ li l-kelb li miet addirittura qatt ma kien irreġistrat mad-Direttorat bħala kelb li jappartjeni lill-konvenut.

WPS219 Erica Galea kkonfermat li meta fir-rapport tal-Pulizija ntqal li kien ġie stabbilit li l-kelb imtajjar kien proprjetà tal-konvenut, dan kien ifisser li l-Pulizija, b'xi mod ikkonfermaw li huma ċċekkjaw mad-Direttorat u rriżulta li l-*microchip* tal-kelb imtajjar kienet issejjaħ lill-konvenut.

It-Tribunal għalhekk iqis li b'dan ġie stabbilit għas-sodisfazzjon tiegħu li l-kelb imtajjar kien jappartjeni lill-konvenut u allura, l-ewwel parti tal-Artikolu 1040 tal-Kodiċi Ċivili, jiġifieri l-kliem "*Is-sid ta' annimal…*" ġiet sodisfatta. Ma jista' jkun hemm ebda responsabilità ta' sid ta' annimal versu terzi kemm-il darba s-sid jew min jagħmel użu mill-annimal temporanjament ma jkunx magħruf.

In kontro-eżami, l-attur Keith Carabott qal li fil-ħin tal-inċident kien qiegħed isuq b'madwar ħamsin jew sittin kilometru fis-siegħa u ċaħad li kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva.

Il-konvenut eċċepixxa, *inter alia*, li kellha ssir il-prova tas-surroga. Dwar din il-materja, it-Tribunal jiċċita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Untours Insurance Agents Ltd għal Qatar Insurance Company surrogati fid-drittijiet ta' Christopher Massa vs. Salvatore Zarb*** (deċiża fl-20 ta' April 2005), li fiha ntqal:

"*Illi l-kuntratt ta' assigurazzjoni, ta' min jirrileva, hu kuntratt sui generis bejn l-assigurat u l-assigurazzjoni. L-assigurazzjoni tiehu riskju minflok l-assigurat taghha u ta' dan tigbor "premium" u ta' dak il-"premium" taghti servizz lill-assigurat li kemm-il darba dak l-event isehh allura l-persuna li tkun assigurata tithallas jew tad-dannu jew ghas-somma miftiehma. Id-dottrina tas-surroga, f'kaz li l-event dannuz isehh u jsir il-hlas mill-assigurazzjoni abbazi tal-polza, tipprotegi li l-assigurat jiehu hlas doppju tad-danni tieghu ghall-istess fatt, wiehed minn ghand l-assigurazzjoni u l-iehor minghand il-persuna li tkun ikkawzat id-dannu. Is-surroga hija konsegwenza naturali tal-kuncett tal-indennizz illi tifforma bazi integrali tal-kuntratt tal-assigurazzjoni. Din id-dottrina giet zviluppata fil-ligi Ingliza taht il-Law of Equity.*

*Il-ligi taghna tikkontempla l-hlas bis-surroga fl-Artikoli 1164 u 1167 tal-Kodici Civili. Is-surroga tista' tkun wahda legali jew konvenzjonali. Illi l-qrati taghna sostnew illi gialadarba d-ditta ta' l-assigurazzjoni ghamlet tajjeb ghad-danni konsegwenzjali ghall-incident u hallsithom, kif kienet obbligata li taghmel skont il-kuntratt ta' l-assigurazzjoni, allura abbazi tas-subartikolu (c) ta' l-Artikolu 1166 tal-Kodici Civili s-surroga issir "ipso iure". (Hugh Zammit noe vs Joseph Spiteri - PA 05/10/1993; Edgar Galea noe vs John Tanti - PA 16/12/1991).*

*Illi ghalhekk hekk kif isir il-hlas mis-socjetà ta' l-assigurazzjoni lill-assigurat abbazi tal-kuntratt ta' l-assigurazzjoni, l-assigurat jitlef id-dritt ta' azzjoni kontra l-persuna li tkun ikkawzat id-dannu u dan peress*

*illi hekk kif isir dan il-hlas, issir is-surroga "ipso iure" u kwindi d-drittijiet kollha ta' l-assigurat, inkluz ghalhekk id-dritt tieghu ta' l-azzjoni, jghaddu a favur ta' l-assigurazzjoni.*

*Illi sahansitra f' sentenza moghtija fil-25 ta' Novembru 1929, il-Qorti tal-Kummerc kienet sostniet, meta ccitat il-Vivante illi: "L' assicurato che fu risarcito del danno non ha piu azione contro il colpevole perche' non ha alcun interesse di far valere contro di lui; se potesse riscuotere ad un tempo la somma assicurata e chiedere risarcimento dal colpevole pel medesimo danno, sarebbe indenizzato due volte e l'assicurazione procurerebbe un indebito lucro. L'altra parte il terzo, colpevole del sinistro, non deve approfittarsi del contratto di assicurazione cui e' rimasto estraneo, e pel quale non ha pagato alcun premio, e percio' deve rispondere del danno verso l' assicuratore ce piglia il posto dell' assicurato."*"

It-Tribunal iqis li l-prova tal-eżistenza u l-operat tal-polza tal-assigurazzjoni sar tramite d-depożizzjoni tax-xhud Andrew Pizzuto (*fol.* 101 *et seq.*) u sar il-ħlas mill-assigurazzjoni għad-danni subiti fuq il-vettura KWJ184. Għalhekk, l-eċċezzjoni relattiva mressqa fir-risposta tal-konvenut ġiet sorvolata.

Inkwantu t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet, it-Tribunal iqis li l-pern tad-difiża tal-konvenut hija l-ewwel li allegatament m'hemmx prova li l-kelb jappartjeni lill-konvenut u t-tieni, li m'hemmx prova li l-attur Carabott ma kienx qiegħed isuq b'veloċità imprudenti tenut kont iċ-ċirkostanzi.

Qabelxejn it-Tribunal ifakkar li la fi proċeduri kriminali u lanqas fi proċeduri ċivili m'hu meħtieġ li dak allegat jiġi ppruvat sal-grad taċ-ċertezza assoluta. F'dan il-każ, għalkemm WPS219 Erica Galea ma xehditx f'xi ħafna dettall kif sar magħruf li l-kelb imtajjar kien jappartjeni lill-konvenut, min-naħa l-oħra m'hemmx xi prova li tindika li l-kelb ma kienx dak tal-konvenut. Il-piż tal-prova huwa wieħed li joxxilla bejn il-partijiet u għalhekk *se mai* kien jispetta lill-konvenut li jġib prova li l-kelb ma kienx tiegħu. It-Tribunal m'għandux għalfejn ma jemminx li l-Pulizija, tramite WPS219, m'għamlux l-indaġini tagħhom u ma stabbilixxewx in-ness bejn il-kelb u l-konvenut. Meta fir-rapport, l-uffiċjali tal-Pulizija wżaw il-kelma "*stabbilit*", kienu qegħdin essenzjalment jgħidu li għamlu l-investigazzjonijiet tagħhom u rriżulta li l-kelb kien jappartjeni lill-konvenut. Iva, il-Pulizija setgħu kienu aktar dettaljati f'li qalu, pero dan ma jfissirx li t-Tribunal m'għandux jemmen il-kontenut ta' rapport tal-Pulizija (ovvjament dik il-parti fejn il-Pulizija stess jgħidu x'għamlu biex jinvestigaw u mhux dik il-parti fejn jgħidu x'ġie rrappurtat lilhom) fin-nuqqas ta' prova kuntrarja.

F'dan il-każ, ma kien hemm ebda mezz oġġettiv sabiex il-veloċità tal-vettura tal-attur Carabott titkejjel. Ma kienx hemm *speed camera* u lanqas xi uffiċjal b'xi *speed gun*. Lanqas kien hemm xi passiġġier fil-vettura li xehed li Carabott kien qiegħed isuq b'veloċità għolja. It-Tribunal ma jistax jispekula li Carabott kien għaddej b'veloċità għolja wisq u minn dik l-ispekulazzjoni joħloq prova.

Għalhekk, it-Tribunal qiegħed jiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, wara li sema' l-provi, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi:

i. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut filwaqt li jilqa' t-talbiet kollha tal-atturi u konsegwentement:

    i. Jiddikjara li l-konvenut huwa unikament responsabbli għall-akkadut;

    ii. Jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' elfejn u erba' mija u wieħed u tletin Ewro u tmienja u għoxrin ċenteżmu (€2,431.28) fis-sens li l-ammont ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350.00) jitħallas lil Keith Carabott filwaqt li l-bqija jitħallas lil MAPFRE Middlesea plc, bl-imgħax kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima permessa skont il-liġi u dekorribbli mid-data tal-ittra legali hawn taħt imsemmija, sal-pagament effettiv;

iii. Jikkundanna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra legali msemmija fl-Avviż tat-Talba.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu interament mill-konvenut Joseph Falzon.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
***B.A., L.P., Mag. Jur. (Int. Law), LL.D.***
**Ġudikatur**